Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,585, 9 ta' Marzu, 2021
Taqsima B

A.L. 81 tal-2021

ATT KONTRA *MONEY LAUNDERING* (KAP. 373)

Regolamenti tal-2021 dwar Restrizzjoni fl-Użu ta' Flus Kontanti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att kontra *Money Laundering*, il-Ministru għall-Finanzi, waqt li jaġixxi bil-parir tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar Restrizzjoni fl-Użu ta' Flus Kontanti.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li tiġi introdotta restrizzjoni fuq l-użu ta' flus kontanti għal ċerti pagamenti u transazzjonijiet bil-għan li jiġu miġġielda *money laundering* u attività kriminali oħra.

Tifsir u applikazzjoni.

Kap. 373.
L.S. 373.01

2. (1) Il-kliem u l-frażijiet kollha mhux imfissra f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsira kif preskritta fl-Att kontra *Money Laundering* u fir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu.

(2) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 373.

"l-Att" tfisser l-Att kontra *Money Laundering*;

"flus kontanti" tfisser karti tal-flus u muniti li jkollhom valur legali;

"ħaġar prezzjuż" tfisser sustanza bi kwalità ta' ġojja u sbuħija, rarità u valur rikonoxxuti fis-suq, u tinkludi djamant, żaffir, rubin u żmerald;

"ġojjellerija" tfisser ornamenti personali magħmulin kompletament jew parzjalmement minn, jew miksijin bid-deheb, fidda, platinu jew metalli oħra prezzjużi u, jew issettjati bid-djamanti, ħaġar prezzjuż jew perli, u arloġġi tal-idejn;

Kap. 376.

"kont ta' pagament" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha taħt l-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji;

"il-Korp" tfisser il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja kif stabbilit taħt l-artikolu 15 tal-Att;

"kummerċjant" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha taħt il-Kodiċi tal-Kummerċ; Kap. 13.

"metall prezzjuż" tfisser deheb, platinu, palladju u fidda fl-istat pur u l-ligi tagħhom;

"oġġett tal-antikità" tfisser xogħol tal-arti jew oġġett ta' importanza ġeoloġika, paleontoloġika, jew antikwarjana li għandu mill-inqas mitt sena;

"opra tal-baħar" tfisser kull bastiment, dgħajsa, *pleasure yacht* jew kull forma oħra ta' opra tal-baħar, tkun kif tkun imsejħa, li tintuża fin-navigazzjoni;

"proprjetà immobbli" tfisser u tinkludi kull ħaġa, dritt jew azzjoni li huma immobbli minnhom infishom jew minħabba fil-ħaġa li għandhom x'jaqsmu magħha skont l-artikoli 308 u 310 tal-Kodiċi Ċivili; Kap. 16.

"transazzjoni marbuta" tfisser żewġ transazzjonijiet jew aktar li jitwettqu mill-istess partijiet, li jkollhom l-istess għan marbut jew għanijiet marbutin jew simili, u li jitwettqu f'perjodu ta' żmien ta' sitt (6) xhur;

"vettura" tfisser vettura bil-mutur li taħdem b'qawwa mekkanika li normalment tintuża sabiex jinġarru persuni jew oġġetti fit-triq, kemm jekk tali vettura qabel kellha sid jew le.

Reat. **3.** (1) L-ebda persuna ma tista' tirċievi jew tagħmel pagament jew mod ieħor twettaq transazzjoni fi flus kontanti li tammonta għal, jew teċċedi, għaxart elef euro (€10,000) jew l-ekwivalenti ta' dik is-somma f'munita oħra, kemm jekk fi transazzjoni waħda jew f'bosta transazzjonijiet marbutin, fir-rigward tax-xiri jew bejgħ ta':

(a) antikitajiet;

(b) proprjetà immobbli;

(ċ) ġojjellerija, metalli prezzjużi, ħaġar prezzjuż u perli;

(d) vetturi;

(e) opri tal-baħar; u

(f) xogħlijiet tal-arti.

(2) Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja,

multa ta' mhux inqas minn erbgħin fil-mija (40%) tas-somma mħallsa, li tkun rċeviet, jew mod ieħor innegozjat fi flus kontanti f'eċċess ta' disat elef disa' mija u disgħa u disgħin euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€9,999.99), jew l-ekwivalenti ta' dik is-somma f'munita oħra:

Iżda fejn il-persuna hekk misjuba ħatja tkun id-direttur, *manager*, jew xi uffiċjal ieħor li jeżerċita funzjonijiet eżekuttivi f'kumpannija jew intrapriża oħra, jew korp ta' persuni, l-imsemmija persuna għandha, għall-finijiet ta' dan ir-regolament, titqies bħala li hi vestita bir-rappreżentanza legali tal-istess kumpannija jew intrapriża oħra, jew korp ta' persuni, li għaldaqstant ikunu ħatja *in solidum* mal-persuna li tinstab ħatja għall-ħlas tal-imsemmija multa.

(3) Il-multa msemmija fis-subregolament (1) għandha titqies bħala dejn ċivili dovut u li għandu jitħallas lill-Korp, fuq liema dejn il-Korp ikollu titolu eżekuttiv.

Reat għandu jiġi ttrattat mill-Qorti tal-Maġistrati.

4. (1) Il-Qorti tal-Maġistrati, fil-ġurisdizzjoni kriminali tagħha, tkun il-qorti kompenti biex tiddeċiedi dwar reati kontra dawn ir-regolamenti.

Kap. 9.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali jkollu dritt ta' appell lill-Qorti tal-Appelli Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fir-rigward ta' proċeduri kriminali taħt dawn ir-regolamenti.

(3) F'kull proċedura kriminali taħt dawn ir-regolamenti, kull uffiċjal tal-Korp jista', minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra, jipproduċi xhieda fil-Qorti:

Iżda l-imsemmi uffiċjal jista' jiddikjara l-fatti li jikkostitwixxu r-reat qabel ma jixhed.

Kap. 9.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, proċeduri kriminali għal reat kontra dawn ir-regolamenti jkunu preskritti jekk jgħaddu ħames (5) snin minn mindu jkun sar ir-reat.

Arranġament amministrattiv.

5. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà oħra, kemm kriminali kif ukoll ċivili, u għal kull proċedura oħra relatata taħt xi liġi oħra, persuna li tikser id-dispożizzjonijiet tar-regolament 3(1) tista', bħala alternattiva għal proċeduri kriminali, u bil-kunsens tal-Avukat Ġenerali, qabel ma tiġi mixlija fil-qorti, taqbel li tħallas penali amministrattiva li għandha tiġi imposta mill-Korp kif ġej:

(a) fejn is-somma mħallsa, li tkun ġiet riċevuta, jew mod ieħor innegozjata fi flus kontanti tammonta għal mhux

iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000), tiġi imposta penali amministrattiva ta' għaxra fil-mija (10%) tas-somma mħallsa, li tkun ġiet riċevuta, jew mod ieħor innegozjata fi flus kontanti f'eċċess ta' disat elef disa' mija u disgħa u disgħin euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€9,999.99), jew l-ekwivalenti ta' dik is-somma f'munita oħra:

Iżda dik il-penali amministrattiva m'għandhiex tkun inqas minn elf euro (€1,000); u

(b) fejn is-somma mħallsa, li tkun ġiet riċevuta, jew mod ieħor innegozjata fi flus kontanti tammonta għal iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000) iżda ma tkunx iżjed minn mitt elf euro (€100,000), tiġi imposta penali amministrattiva ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tas-somma mħallsa, li tkun ġiet riċevuta, jew mod ieħor innegozjata fi flus kontanti f'eċċess ta' disat elef disa' mija u disgħa u disgħin euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€9,999.99), jew l-ekwivalenti ta' dik is-somma f'munita oħra:

Iżda dik il-penali amministrattiva m'għandhiex tkun inqas minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500).

(2) L-arranġament amministrattiv imsemmi fis-subregolament (1) ma jkunx konkluż kemm-il darba l-ftehim li jkun intlaħaq ma jkollux miegħu l-pagament lill-Korp tal-penali amministrattiva jew l-għoti ta' sigurtà suffiċjenti għall-pagament tas-somma.

(3) Mal-pagament tal-penali amministrattiva, tispiċċa r-responsabbiltà kriminali ta' min ikun ikkommetta r-reat taħt dawn ir-regolamenti, li fir-rigward tiegħu ġie konkluż l-arranġament.

(4) Ma jista' jiġi konkluż l-ebda arranġament amministrattiv kif stipulat fis-subregolament (1) minn:

(a) xi persuna li tħallas, tirċievi jew mod ieħor tinnegozja fi flus kontanti, fejn is-somma ta' tali pagament, aċċettazzjoni jew transazzjoni teċċedi mitt elf euro (€100,000); jew

(b) xi persuna li jew instabet ħatja li kisret id-dispożizzjonijiet tar-regolament 3, jew daħlet f'arranġament amministrattiv skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), kemm-il darba ma jkunux għaddew tliet (3) snin mid-data ta' tali sentenza jew ftehim dwar l-arranġament.

Validità tal-pagament jew transazzjoni.

6. Pagament magħmul jew riċevut, jew transazzjoni mwettqa, bi ksur tar-regolament 3(1) ma jaffettwawx il-validità legali tal-pagament jew transazzjoni, u tal-obbligu kuntrattwali li fir-rigward

tiegħu twettqu l-pagament jew it-transazzjoni, u l-partijiet kollha fil-pagament jew transazzjoni jibqgħu marbuta bl-obbligi kuntrattwali minkejja tali ksur.

Informazzjoni dwar transazzjonijiet fuq proprjetà immobbli.

7. (1) Il-partijiet f'kuntratt ta' xiri jew bejgħ ta' proprjetà immobbli li jammontaw għal għaxart elef euro (€10,000) jew iżjed, jew l-ekwivalenti ta' dik is-somma f'munita oħra, għandhom jagħtu lin-nutar li jħejji l-kuntratt l-informazzjoni li ġejja, li n-nutar ikun obbligat li jiġbor:

(a) l-isem u l-indirizz tax-xerrej u tal-bejjiegħ, it-tip u n-numru tad-dokument uffiċjali ta' identifikazzjoni tagħhom maħruġ minn awtorità governattiva, u, fejn ikun applikabbli, l-isem, l-indirizz u n-numru tad-dokument uffiċjali ta' identifikazzjoni maħruġ minn awtorità governattiva tal-persuna jew persuni li jaġixxu bħala aġenti tax-xerrej u tal-bejjiegħ.

(b) fejn il-pagament isir kompletament jew parzjalment permezz tat-trasferiment ta' fondi minn kont ta' pagament, l-IBAN tal-kont tal-pagament;

(ċ) fejn il-pagament isir kompletament jew parzjalment permezz ta' karta ta' kreditu jew karta oħra ta' pagament, in-numru tal-karta u l-istituzzjoni li toħroġha;

(d) fejn il-pagament isir kompletament jew parzjalment permezz ta' *cheque*, *bank draft* jew strument simili, in-numru ta' tali *cheque*, *bank draft* jew strument simili u l-isem tal-istituzzjoni ta' kreditu jew finanzjarja li fuqha ġew maħruġa; u

(e) fejn il-pagament isir kompletament jew parzjalment permezz ta' metodi jew mezzi oħra, inklużi pagamenti in natura, il-metodi jew mezzi ta' pagament u l-ammont eżatt hekk imħallas.

(2) In-nutar li jirċievi l-informazzjoni elenkata taħt is-subregolament (1) għandu jżomm l-imsemmija informazzjoni f'reġistru speċifiku:

Iżda n-nuqqas ta' żamma ta' tali informazzjoni għandu jitqies bħala ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12(1) tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili. Kap. 55.

Dikjarazzjoni, sottomissjoni jew dokumentazzjoni foloz.

8. Kull persuna li xjentement tagħmel dikjarazzjoni falza, sottomissjoni falza, jew li tipproduċi informazzjoni jew dokumentazzjoni foloz jew mhux kompleti għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000).

Proċeduri ta' żamma ta' *records*.

9. (1) Id-dokumentazzjoni, *data* jew informazzjoni msemmija fir-regolament 7(1) għandhom jinżammu min-nutar għal perjodu ta' ħames (5) snin li jibdew f'dik id-data meta ssir it-transazzjoni, jew fil-każ ta' transazzjonijiet marbutin, fid-data ta' meta tkun twettqet l-aħħar transazzjoni.

(2) In-nutara għandhom jiżguraw li, meta ssir talba, ir-*records* miżmuma konformement ma' dan ir-regolament ikunu disponibbli għall-Korp mingħajr dewmien mhux neċessarju.

(3) Iż-żamma ta' *data* personali titqies li ma tkunx iktar meħtieġa għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti meta jgħaddi l-perjodu stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1).

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament ikunu mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' xi awtorità oħra skont id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra applikabbli li jkollha aċċess għad-dokumentazzjoni, *data* u informazzjoni deskritta fir-regolament 7(1).

Monitoraġġ fuq l-osservanza.

10. (1) Il-Korp ikollu l-funzjoni li jwettaq monitoraġġ u jiżgura l-osservanza ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Fit-twettiq tal-funzjoni tiegħu taħt is-subregolament (1), il-Korp jista':

(a) jawtorizza lil kull wieħed mill-uffiċjali, impjegati, jew aġenti tiegħu biex jesiġu lil xi kummerċjant jew nutar soġġetti għal dawn ir-regolamenti biex jagħtih jew jagħtiha l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni kif tista' tkun meħtieġa sabiex isir monitoraġġ fuq l-osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u biex jwieġbu għal kull mistoqsija li l-Korp jista' raġjonevolment jeħtieġ għat-twettiq tal-funzjoni tiegħu taħt is-subregolament (1); u

(b) iwettaq eżamijiet fuq il-post dwar kull kummerċjant jew nutar soġġetti għal dawn ir-regolamenti, bil-għan li jitwettaq monitoraġġ fuq l-osservanza ta', u tiġi żgurata konformità ma', id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Kooperazzjoni ma' awtoritajiet oħra.

11. (1) Minkejja kull dispożizzjoni oħra fil-liġi, fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dawn ir-regolamenti, il-Korp jista' jitlob għall-assistenza ta', u għandu jikkoopera u jiskambja informazzjoni ma' awtoritajiet nazzjonali oħra u dipartimenti tal-Gvern kif ikun meħtieġ, inklużi l-Pulizija, l-Avukat Ġenerali, u l-Kummissarju tat-Taxxi, sabiex iwettaq monitoraġġ fuq u jiżgura l-osservanza ta' dawn ir-regolamenti u fi kwalunkwe investigazzjoni jew prosekuzzjoni ta'

xi persuna li tkun aġixxiet bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-regolament 3(1).

(2) Il-Korp jista', meta jimponi penali amministrattiva jew joħroġ twissija bil-miktub lil xi kummerċjant jew nutar skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew meta xi kummerċjant jinstab li jkun kiser id-dispożizzjonijiet tar-regolament 3(1), jinforma lill-awtorità, korp jew kumitat rilevanti li jkunu responsabbli għall-awtorizzazzjoni, liċenzjar, reġistrazzjoni jew regolamentazzjoni tan-negozjant jew tan-nutar ikkonċernati, billi jagħti kull informazzjoni rilevanti u dettalji dwar il-każ inkwistjoni li l-Korp jidhirlu neċessarju:

Iżda, meta l-Korp jidhirlu xieraq, hu jista' wkoll jirrakkomanda lil kull awtorità, korp jew kumitat rilevanti li jkunu responsabbli għall-awtorizzazzjoni, liċenzjar, reġistrazzjoni, jew regolamentazzjoni tan-negozjant jew tan-nutar ikkonċernati, biex jieħdu kull azzjoni ulterjuri fi ħdan is-setgħat u mandat tagħhom kif meqjusa adatti u xierqa mill-imsemmija awtorità, korp, jew kumitat.

Proċeduri vinkolanti.

12. (1) Il-Korp jista' joħroġ proċeduri u istruzzjonijiet, inklużi mudelli, kif jista' jkun meħtieġ biex jingħata effett lil dawn ir-regolamenti, u li jkunu vinkolanti fuq il-kummerċjanti u n-nutara kollha soġġetti għal dawn ir-regolamenti.

(2) Kull kummerċjant jew nutar li jikser xi proċeduri u istruzzjonijiet taħt is-subregolament (1) jeħel penali amministrattiva ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000) li tiġi imposta mill-Korp mingħajr il-ħtieġa ta' smigħ fil-qorti, skont il-politika u l-proċeduri stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi msemmija fl-Att.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2), il-Korp jista', fejn iċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, joħroġ twissija minflok ma jimponi penali amministrattiva.